**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Novembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 87/2015**

***AIC DAVID XUEREB f'ISEM U IN RAPPREŻENTANZA TAD-DITTA DAVID XUEREB & ASSOCIATES***

***VS.***

***TOM JANSEN, AVIATION COSMETICS MALTA LIMITED U AVIATION COSMETICS B.V., SOĊJETÀ KUMMERĊJALI REĠISTRATA L-OLANDA***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha tal-attur *nomine* sabiex huwa jirċievi l-ħlas għas-servizzi professjonali li wettaq lill-konvenuti;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**<u>30 ta' Jannar, 2015</u>**, il-perit David Xuereb fisser li huwa kien wettaq servizzi professjonali għall-bini ta' *hangar* (maħżen għall-ajruplani) u faċilitajiet oħra relatati f'*Safi Aviation Park*, Malta skont ittra ta' ingaġġ iffirmata mill-konvenut Tom Jansen fit-28 ta' Frar, 2012. Huwa saħaq li għall-ewwel, il-konvenuti kienu dejjem ifaħħruh u juru sodisfazzjon għax-xogħol li kien qiegħed jipprovdilhom,

tant li huma qatt ma kkontestaw ix-xogħlijiet imwettqa u l-kontijiet mitluba minnu. Madankollu, huwa tenna li aktar tard il-konvenuti abbandunawh u fittxew is-servizzi professjonali ta' ħaddieħor, u minn hemm huma bdew jikkontestaw l-ammont ta' ħlas li huwa dovut lilu mingħandhom għax-xogħol imwettaq minnu. Kompla jgħid li minkejja li huwa kien sejjħilhom biex iħallsuh diversi drabi, u minkejja diversi wegħdiet magħmula mill-konvenuti li huma kienu sejrin iħallsu, huwa baqa' ma rċieva l-ebda ħlas. Għalhekk, huwa fetaħ din il-kawża fejn talab lil din il-qorti:

> *«i. Tiddikjara li r-rikorrent rrenda s-servizzi professjonali lill-intimati skont il-ftehim ta' bejn l-istess kontendenti u konsegwentement tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huwa obbligat iħallas għas-servizzi professjonali hekk reżi;*
>
> *ii. Tillikwida, jekk hemm bżonn bil-ħatra ta' perit komputista/tekniku, dik is-somma li hija dovuta lir-rikorrenti in linea ta' drittijiet professjonali għas-servizzi hekk reżi u in linea ukoll mal-ftehim iffirmat;*
>
> *iii. Tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti dik is-somma li tiġi hekk likwidata ai termini tat-talbiet hawn fuq magħmula.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni u bir-riżerva għal kull azzjoni oħra li tista' tispetta lir-rikorrenti.»*

3. Il-konvenuti ppreżentaw it-tweġiba maħlufa tagħhom fil-**<u>15 ta' April, 2015</u>**, u fiha huma ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi preliminarjament, l-azzjoni u t-talbiet tal-attur noe huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-pretensjonijiet u t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *3. Salv occorrendo eċċezzjonijiet ulterjuri.*
>
> *Għaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponenti umilment u bir-rispett jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-attur.*
>
> *Bl-ispejjeż.»*

4. Bi qbil bejn il-partijiet, fis-seduta tal-**15 ta' Mejju, 2015**, din il-qorti ħatret lill-perit Alan Saliba bħala espert ġudizzjarju sabiex jagħmel it-tfittxijiet tiegħu u jħejji rapport dwar jekk it-talbiet tal-attur *nomine* jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa, u dan wara li jieħu qies ukoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

5. Imbagħad, fis-seduta tal-**5 ta' Ottubru, 2015**, fuq talba tal-konvenuti, il-qorti ordnat li l-għoti u l-ġbir tax-xhieda jsiru bil-lingwa Ingliża, u dan sakemm hija ma tipprovdix mod ieħor u safejn ix-xhud ma jiddikjarax li ma jafx jitħaddet bl-Ingliż jew iħossu aktar komdu jitkellem bil-Malti;

6. Aktar tard, fuq talba tal-perit Alan Saliba stess, fis-seduta tas-**26 ta' Frar, 2018**, il-qorti ħatret lill-perit Marielouise Caruana Galea sabiex tieħu post il-perit Alan Saliba bħala esperta ġudizzjarja, fejn hija żammet l-istess inkarigu u fakultajiet li huwa kellu;

7. Qabel l-esperta ġudizzjarja għaddiet biex tħejji r-rapport tagħha, il-partijiet ġew mogħtija ċ-ċans li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub. L-attur *nomine* ressaq dawn is-sottomissjonijiet tiegħu fil-25 ta' Jannar, 2021, filwaqt li l-konvenuti ressquhom fit-30 ta' Marzu, 2021;

8. Fl-**20 ta' Settembru, 2021**, l-esperta ġudizzjarja Marielouise Caruana Galea ppreżentat ir-rapport tagħha. Dan ir-rapport ġie maħluf minnha fis-26 ta' Ottubru, 2021;

9. Fit-**12 ta' Ottubru, 2021**, l-esperta ġudizzjarja ressqet rikors fejn hija talbet li jiġi rivedut id-dritt tagħha minn kif ġiet intaxxat mir-Reġistratur. B'digriet kamerali mogħti fil-**15 ta' Ottubru, 2021** din il-qorti astjeniet milli tqis dan ir-rikors għaliex sabet li dan kien tressaq qabel il-waqt;

10. Imbagħad, fis-**16 ta' Ottubru, 2021**, l-esperta ġudizzjarja ressqet mill-ġdid l-appell tagħha kontra t-taxxa tad-drittijiet hawn fuq imsemmija. Dan l-appell iżda ġie miċħud minn din il-qorti b'sentenza mogħtija fl-**4 ta' Frar, 2022**;

11. Fis-seduta tal-**<u>25 ta' Novembru, 2021</u>**, il-qorti awtorizzat lill-partijiet biex jagħmlu mistoqsijiet bil-miktub lill-esperta ġudizzjarja dwar ir-rapport tagħha. Dawn il-mistoqsijiet tressqu u ġew imwieġba mill-esperta ġudizzjarja fit-28 ta' Jannar, 2022 u fit-22 ta' April, 2022;

12. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tas-**<u>26 ta' April, 2022</u>**;

13. L-attur *nomine* ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub fis-16 ta' Ġunju, 2022, filwaqt li l-konvenuti ressqu tagħhom fit-12 ta' Awwissu, 2022;

14. Il-qorti rat l-atti kollha tal-kawża u tinsab f'qagħda li tagħti din is-sentenza;

***Fatti***

15. Fit-**<u>28 ta' Frar, 2012</u>**, il-konvenut Tom Jansen iffirma ittra ta' ingaġġ mibgħuta lilu mill-perit David Xuereb fis-26 ta' Jannar, 2012 sabiex dan tal-aħħar jipprovdilu s-servizzi professjonali tiegħu bħala perit u inġinier ċivili għall-iżvilupp, bini u xogħol ta' finituri f'dak li għandu x'jaqsam mal-proġett tal-*Aviation Cosmetics Malta Hanger* u l-faċilitajiet ta' miegħu *f'Safi Aviatian Park*, Malta (ara l-ittra f'paġna 7 tal-atti tal-kawża ffirmata kemm minn David Xuereb u kif ukoll minn Tom Jansen);

16. Skont din l-ittra, l-attur *nomine* kellu jitħallas b'dan il-mod għas-servizzi professjonali tiegħu: (i) 6% fuq il-valur tal-bini tal-proġett għas-servizzi bażiċi ta' arkitettura u inġinerija; (ii) 1% fuq ammonti ċertifikati għal servizzi ta' kejl u ċertifikazzjoni; (iii) 3.5% għat-tmexxija tal-proġett; u (iv) 4% fuq il-valur tal-istruttura tal-azzar tal-*hangar* għas-servizzi ta' inġinerija strutturali meħtieġa għad-disinji ta' din l-istruttura speċjalizzata. Spejjeż oħra, bħalma huma eżamijiet indipendenti fuq materjal, studji arkeoloġiċi, studji topografiċi, servizzi ta' konsultazzjoni dwar l-ambjent, kwistjonijiet relatati ma' saħħa u sigurtà, miżati tal-Awtorità tal-Ippjanar u miżati oħra ta' konsultazzjoni kellu jsir ħlas għalihom b'mod separat;

17. Fl-aħħar paragrafu ta' din l-ittra hemm imniżżel ukoll li l-ftehim kellu jgħaddi awtomatikament għand kumpannija ġdida reġistrata f'Malta, darba li din tiġi mwaqqfa;

18. Wara li l-perit Xuereb beda jipprovdi s-servizzi tiegħu lill-kumpannija konvenuta, huwa ħarġilha tliet fatturi: waħda fil-**15 ta' Ġunju, 2012**, waħda fl-**10 ta' Lulju, 2012** u oħra fil-**15 ta' Settembru, 2012**. Meta meqjusa flimkien, f'dawn il-fatturi l-attur *nomine* kien qiegħed jitlob mingħand il-konvenuti ħlas totali ta' €265,620 (ara l-kont maħruġ mill-perit David Xuereb f'paġna 16 tal-atti tal-kawża);

19. Imħabbta b'dawn il-kontijiet, il-konvenuti saħqu li dawn ma kinux dettaljati biżżejjed u għalhekk baqgħu ma ħallsux. Madankollu, fl-istess waqt l-attur *nomine* baqa' jipprovdi s-servizzi professjonali tiegħu lill-konvenuti; iżda fl-**24 ta' Awwissu, 2012** huwa bagħat javżahom b'ittra elettronika li jekk huma ma kinux sejrin iħallsu, id-ditta tiegħu kien ħa jkollha tnaqqas il-kontribuzzjoni tagħha lejn il-proġett tagħhom;

20. Fit-**2 ta' Lulju, 2013**, il-perit Xuereb ġie mgħarraf minn Tom Jansen b'ittra elettronika, li dan tal-aħħar ma kienx għadu involut aktar fl-aspetti tal-bini tal-proġett u li r-rappreżentanza tal-kumpannija Aviation Cosmetics Malta Limited, f'dak li għandu x'jaqsam mal-bini tal-proġett, kienet għaddiet għand is-sinjuri Van der Nap, Smits van Oyen, Van der Meerkakker u Roelofs;

21. Fis-**26 ta' Awwissu, 2013**, il-perit Xuereb bagħat jistaqsi lis-Sur van der Nap jekk il-konvenuti kinux sejrin iqabbdu xi kumpannija oħra minflok id-ditta attriċi biex tieħu ħsieb id-disinji u t-tmexxija tal-proġett;

22. Imbagħad, fis-**17 ta' Novembru, 2013**, Nobert van der Nap bagħat jgħarraf lill-perit Xuereb li l-konvenuti ma kinux sejrin jagħmlu aktar użu mis-servizzi tiegħu u għalhekk kienu qegħdin itemmu l-ftehim li huma kellhom mad-ditta attriċi. Il-kliem użat f'din l-ittra elettronika jaqra hekk:

> *«Insofar as this was not clear already, please take note that ACM will not continue to make use of your services and therefore terminates the*

*existing written and verbal agreements. However, that being said, we do want to settle the outstanding matter with you in mutual accord. This is to say that together we conclude to a financial settlement of the work performed, resulting in immediate payment of the agreed sum to you and transfer all pertaining files and documents to ACM in return.»*

23. F'ittra elettronika oħra tal-**<u>21 ta' Novembru, 2013</u>**, Nobert van der Nap offra lill-perit Xuereb is-somma ta' €40,000 bħala ħlas biex jagħlqu l-pendenzi ta' bejniethom, iżda l-attur *nomine* baqa' jisħaq li huwa għandu jitħallas is-somma ta' €265,620;

24. L-attur *nomine*, permezz tal-avukat tiegħu, reġa' sejjaħ lill-konvenuti biex dawn iħallsuh l-ammont hawn fuq imsemmi b'ittri tas-16 ta' Diċembru, 2013 u tat-3 ta' Frar, 2014, iżda dawn ma ridux jafu u baqgħu jinsistu li dan kellu jipprovdilhom rendikont dettaljat u evidenza konkreta tax-xogħol kollu li wettaq;

25. Imbagħad fit-**<u>30 ta' Jannar, 2015</u>**, l-attur *nomine* mexa billi fetaħ din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

26. Din hija kawża fejn l-attur *nomine* qiegħed jippretendi li jitħallas għas-servizzi professjonali ta' perit u inġinier ċivili li huwa wettaq lill-konvenuti. Fir-rikors maħluf tiegħu, huwa ma jsemmix ammont speċifiku li fil-fehma tiegħu huwa dovut lid-ditta attriċi mill-konvenuti, iżda huwa jħalli f'idejn il-qorti biex tillikwida d-drittijiet professjonali li jistgħu jkunu dovuti għas-servizzi mwettqa minnu. Kemm hu hekk, minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-qorti fehmet li huwa qiegħed jippretendi li jitħallas aktar mit-total ta' €265,620 li huwa ħareġ bħala kontijiet;

27. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenuti jressqu żewġ linji ta' difiża għat-talbiet tal-attur *nomine*: fl-ewwel lok, li dawn huma preskritti skont l-**artikolu 2149(ċ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, u fit-tieni lok, li t-talbiet tiegħu mhumiex imsejsa la mill-fatti u lanqas bil-liġi;

28. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti dehrilhom li kellhom iressqu linja difensjonali ġdida u fiha jgħidu li Tom Jansen u Aviation Cosmetics B.V. mhumiex kontradditturi leġittimi għal din il-kawża għaliex skonthom Tom Jansen kien iffirma l-ftehim tat-28 ta' Frar, 2012 fil-kapaċità personali tiegħu sakemm tiġi mwaqqfa l-kumpannija konvenuta Aviation Cosmetics Malta Limited;

29. F'dan ir-rigward huwa magħruf fil-ġurisprudenza li n-noti ta' sottomissjonijiet m'għandhomx jintużaw sabiex jitressqu linji difensjonali li ma jkunux dibattuti qabel u li jaħsdu lill-kontroparti (ara ***Josef Farruġia v. Christopher Carabott et***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju, 2008 u ***Avukat Dottor Melvyn Mifsud nomine v. l-Avukat Dottor Anthony Cutajar et nomine***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020). Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Cristina pro et noe v. Eleonora Mizzi et***, li ġiet deċiża fis-27 ta' Marzu, 2003, kienet tal-fehma wkoll li,

> *«argumenti u raġjonamenti legali detotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bħala eċċezzjonijiet formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqishom bħala tali. Diversament ikun jammonta għal strapp proċedurali li jista' jkun ta' preġudizzju serju għall-kontroparti attriċi, oltre li jkun ukoll jammonta għal intralċ mhux awtorizzat fuq il-proċeduri 'in corso'.»*

30. Hekk ukoll, il-liġi trid li kull eċċezzjoni oħra li ma tkunx tqajmet fit-tweġiba orġinali tista' titħallas titressaq biss jekk kemm-il darba l-parti konvenuta tkun talbet il-permess tal-qorti b'rikors biex titħalla tressaqha (ara l-**artikolu 728(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**). Madankollu, l-**artikolu 731 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid li dik ir-regola ma tgħoddx fil-każ ta' dawk l-eċċezzjonijiet li b'dispożizzjoni espressa tal-liġi jistgħu jitqajmu f'kull waqt tal-kawża jew li jinqalgħu waqt is-smigħ tal-kawża;

31. Għalhekk, fid-dawl ta' dak li jgħid l-aħħar artikolu hawn fuq imsemmi, il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk l-eċċezzjoni li ressqu l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom hijiex tabilħaqq waħda ta' sura perentorja, u jekk jagħti dan il-każ, tgħaddi biex tqisha wkoll, anke jekk din tqajmet biss wara li l-kawża għaddiet għas-sentenza (ara f'dan is-sens ***Sunspot Tours Ltd v. C.H. Caterers Ltd***, Appell Superjuri, 16 ta' Diċembru,

2003, ***Victor Lia et v. Alan Gatt et***, Appell Superjuri, 25 ta' Ottubru, 2013 u ***Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Angelo Bonanno***, Appell Superjuri, 31 ta' Jannar, 2019);

32. Issa, huwa miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li l-eċċezzjoni ta' illeġittimità ta' persuna f'kawża hija ta' natura perentorja u għalhekk tista' tiġi mogħtija fi kwalunkwe stadju tal-kawża, inkluż fl-istadju tal-appell (ara ***Mary Grace Farruġia v. Stephen Farruġia***, Appell Inferjuri, 12 ta' Novembru, 2003). B'hekk, darba li din l-eċċezzjoni taqa' fil-kategorija ta' eċċezzjonijiet li jitkellem dwarhom l-imsemmi **artikolu 731 tal-Kap 12 tal-Liġijiet**, din il-qorti sejra tgħaddi biex teżaminaha;

33. Il-qorti tqis li sabiex jiġi determinat jekk Tom Jansen u Aviation Cosmetics B.V. humiex kontraditturi leġittimi għat-talbiet tal-attur *nomine*, il-prova li kellu jagħmel dan tal-aħħar hija waħda fuq bażi *prima facie* għaliex id-determinazzjoni ta' min hu kontradittur leġittimu ssir mingħajr preġudizzju għad-determinazzjoni tat-talbiet attriċi fil-mertu (ara ***Charlayne Josephine Mintoff v. Jason George Mintoff et***, Appell Superjuri, 26 ta' Jannar, 2022);

34. Biex tiddeċiedi jekk parti f'kawża hijiex il-kontradittur leġittimu tal-parti l-oħra jew le, il-qorti trid tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, dik il-parti kinitx materjalment parti fil-ġrajjiet li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li wasslu biex jinħolqu r-rabtiet jew effetti fuq il-parti konvenuta illi kellha twieġeb għalihom. Dan jgħodd kemm f'azzjonijiet mibnija fuq rabtiet kuntrattwali u kif ukoll fuq dawk imsejsa fuq ħtija akwiljana (ara ***Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et v. Onorevoli Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et***, Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 2020);

35. Il-ħtieġa li l-att ġudizzjarju jitressaq kontra l-persuna t-tajba li jmissha twieġeb għall-pretensjonijiet attriċi mhijiex xi kapriċċ maħsub biex joħloq għarbiel artifiċjali, ħalli l-qorti ma tistħarriġx il-mertu tal-każ. Wara kollox, is-sejbien minn qorti li persuna hija kontradittur leġittimu mhijiex lanqas konklużjoni definittiva li tali persuna hija l-ħatja jew li b'hekk stqarret il-ħtija. Hekk ukoll, id-dikjarazzjoni ta' qorti li parti f'kawża tkun

kontradittur leġittimu ma tfisser bl-ebda mod li dik il-qorti ma tistax, meta tqis l-eċċezzjonijiet ta' dik il-parti u wara li tkun semgħet it-trattazzjoni tal-każ fil-mertu, aktar 'il quddiem tasal għall-fehma li dik il-parti ma kellha xi twieġeb xejn għall-allegazzjonijiet li saru kontriha mill-parti attriċi (ara ***Frankie Refalo et v. Jason Azzopardi et***, Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001 u ***Graziella Attard et v. Khaled Barkat Zaky Ahmed Abdelrazek et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 29 ta' Marzu, 2017);

36. Fil-każ tagħna l-persuna li qabbad lid-ditta attriċi biex twettaqlu servizzi professjonali ta' perit kien sewwasew Tom Jansen, li kien direttur u azzjonist ta' Aviation Cosmetics B.V. Meta sar dan il-ftehim, il-kumpannija konvenuta Aviation Cosmetics Malta Limited kienet għadha ma ġietx imwaqqfa, iżda fl-istess ftehim hemm imniżżel li dan kellu jibda jorbot lilha darba li din tiġi mwaqqfa. Madankollu, il-fatt waħdu li aktar tard ġiet imwaqqfa din il-kumpannija, ma jeħlisx lil Tom Jansen u lil Aviation Cosmetics B.V. mill-obbligi kuntrattwali tagħhom;

37. Tassew, skont l-**artikolu 78(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**,

> *«Il-persuni kollha li jmexxu negozju jew jagħmlu ftehim taħt isem jew għan-nom ta' kumpanija li dwarha ma jkunx inħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni taħt dan l-Att, jew qabel id-data murija fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni bħala d-data li fiha dik il-kumpanija għandha tibda sseħħ, ikunu, sakemm ma jkunx miftiehem xort'oħra personalment u solidalment responsabbli dwar terzi għall-atti magħmula taħt dak l-isem.»* (enfasi miżjuda);

38. Ġaladarba l-kumpannija Aviation Cosmetics Malta Limited kienet għadha mhix imwaqqfa meta seħħ il-ftehim, Tom Jansen u Aviation Cosmetics B.V, bħala l-persuni li nnegozjaw f'isimha, huma personalment u solidalment responsabbli magħha għall-pretensjonijiet imressqa mill-attur *nomine* f'din il-kawża (ara f'dan is-sens ***Video-On-Line v. Ian Giles***, Appell Inferjuri, 25 ta' Frar, 2004 u ***D & S Lifts Limited v. Joseph Farruġia***, Appell Inferjuri, 7 ta' Mejju, 2004);

39. Ingħad f'dawn is-sentenzi, li filwaqt li huwa minnu li direttur f'kumpannija huwa meqjus bħala mandatarju ta' dik il-kumpannija, dan però, jippresupponi li l-

kumpannija tkun waħda li teżisti għall-għanijiet u l-effetti kollha tal-liġi. Jekk il-kumpannija ma tkunx teżisti fil-mument tal-ftehim, allura ma jistax jingħad li hemm mandat. Dan hu hekk għaliex persuna li ma teżistix u li ma tkunx ħajja, ma tista' qatt tagħti mandat lil ħaddieħor. F'ċirkostanzi bħal dawn għalhekk, bħal dawk li għandha quddiemha l-qorti, jiskatta l-**artikolu 78 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid li l-persuni kollha li jintrabtu għall-kumpannija li għadha ma teżistix, għandhom jitqiesu bħala personalment u solidalment responsabbli lejn terzi;

40. F'kull każ, mill-provi jirriżulta wkoll li meta l-perit Xuereb ħareġ it-tliet kontijiet matul is-sajf tas-sena 2012, Tom Jansen kien għadu involut sew f'din il-kumpannija tant li kien biss fit-2 ta' Lulju, 2013 li dan għarraf lill-perit Xuereb li ma kellux x'jaqsam aktar mal-proġett. Kemm hu hekk, fix-xiehda tiegħu tad-9 ta' Lulju, 2018, Tom Jansen stqarr li meta rċieva l-fatturi mingħand il-perit Xuereb huwa kien tal-fehma li l-ħlas li l-perit Xuereb kien qiegħed jitlob kien wieħed esaġerat. Hekk ukoll, waqt il-kontro-eżami tiegħu, huwa kompla jisħaq li fin-negozju tiegħu huwa jaħdem biss skont is-sigħat ta' xogħol li jkunu twettqu. Fil-fehma tiegħu, id-ditta attriċi ma kinitx qattgħet biżżejjed ħin taħdem fuq il-proġett biex tiġġustifika l-ħlasijiet li hija kienet qiegħda titlob;

41. Għalhekk, lil hemm mill-kwistjoni dwar jekk ir-rabta kuntrattwali tal-parti li talbet it-twettiq tas-servizzi professjonali eventwalment għaddietx mingħand Tom Jansen u Aviation Cosmetics B.V. għal għand il-kumpannija Aviation Cosmetics Malta Limited, jibqa' l-fatt li kien Tom Jansen, fil-kwalità tiegħu ta' direttur ta' dawn il-kumpanniji, li fl-ewwel lok ikkontesta l-fatturi msemmija meta dawn inħarġu. Ifisser b'hekk, li dan tal-aħħar kellu sehem prinċipali fil-ġrajja li allegatament ħolqot ir-relazzjonijiet ġuridika ta' bejn il-partijiet;

42. Terġa' u tgħid, meta waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru, 2018 (ara l-warrani ta' paġna 1334 tal-atti tal-kawża), Tom Jansen ġie mistoqsi mill-avukat tiegħu jekk id-ditta attriċi għandhiex tirċievi xi ħlas mingħand il-konvenuti, huwa stqarr hekk:

> *«We have no objection to pay for the time and work that DX Architects have done for us, but we believe that his invoices do nowhere near*

*reflect the work he has performed and after asking several times suitable justification for the time that was involved in this, we never got a proper answer from them.»*

43. F'din is-silta, Tom Jansen ikkonferma li hemm ħlas dovut lid-ditta attriċi mingħand il-konvenuti iżda saħaq li ma kienx hemm qbil dwar kemm kellu jkun dan il-ħlas. Tom Jansen ma speċifikax liema mill-konvenuti huma obbligati li jwettqu l-ħlas; anzi hu għamel użu mill-kelma "*we*" u għalhekk ta x'jifhem li jekk hemm xi ħlas dovut, dan għandu jsir mill-konvenuti kollha b'mod kollettiv;

44. Meqjus dan kollu, il-qorti ma tistax tlum lill-attur *nomine* talli fetaħ il-kawża tiegħu kontra t-tliet konvenuti. Wara kollox, huwa ċar li huma l-konvenuti kollha li kellhom sehem fir-rabta ġuridika u fit-tilwima li nħolqot mad-ditta attriċi. Għalhekk, din il-qorti ssib li l-konvenuti Tom Jansen u Aviation Cosmetics B.V. ma jistgħux jargumentaw b'suċċess li huma m'humiex kontaditturi leġittimi għat-talbiet tal-attur *nomine*;

45. B'daqshekk il-qorti mhijiex qiegħda tgħid li Tom Jansen u Aviation Cosmetics B.V. għandhom jinżammu responsabbli għal dak li qiegħda tallega fil-konfront tagħhom id-ditta attriċi. Dik hija kwistjoni li teħtieġ stħarriġ aktar fil-fond, liema stħarriġ sejjer isir aktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Dak li qiegħda tgħid din il-qorti hawnhekk huwa biss li l-konvenuti Tom Jansen u Aviation Cosmetics B.V. ma jistgħux *a priori* jwaqqfu l-azzjoni billi jgħidu li ma hemm l-ebda rabta kuntrattwali bejnhom u bejn id-ditta attriċi, ladarba kienu huma stess li taw lok biex titnissel din it-tilwima legali. F'dan l-istadju l-qorti għalhekk ma tistax teħles lill-konvenuti Tom Jansen u Aviation Cosmetics B.V. mill-ħarsien ta' dan il-ġudizzju u għaldaqstant, din l-eċċezzjoni tal-konvenuti qiegħda tiġi miċħuda;

46. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-**ewwel eċċezzjoni** tal-konvenuti fejn huma jisħqu li l-azzjoni tal-attur *nomine* hija preskritta. Tassew, din hija eċċezzjoni li tista' tmewwet il-kawża jekk tinsab li hija mistħoqqa, u f'dak il-każ, din il-qorti ma jkollhiex għalfejn tistħarreġ il-mertu tal-azzjoni mressqa mill-attur *nomine*. Għalhekk, ikun xieraq li din l-eċċezzjoni tiġi meqjusa qabel ma jiġi mistħarreġ il-mertu tal-kawża;

47. Il-konvenuti jsejsu din l-eċċezzjoni tagħhom fuq l-**artikolu 2149(ċ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid li l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu, jaqgħu bi preskrizzjoni b'għeluq ta' sentejn;

48. Dan ifisser li perit arkitett għandu żmien sentejn sabiex ifittex għall-ħlas tad-drittijiet tiegħu u n-nefqiet li jkun għamel fit-twettiq tax-xogħol professjonali tiegħu. Dan iż-żmien jibqa' dejjem dak ta' sentejn u ma jistax jiġi mġebbed għal wieħed ta' tletin sena, anke jekk il-ftehim għat-twettiq tas-servizzi bejn il-kuntrattur u l-perit jintlaħaq permezz ta' att pubbliku (ara ***Arkitett Walter Caruana Montalto v. Mario Schembri et***, deċiża mill-Qorti Kummerċjali fil-21 ta' April, 1982);

49. Issa fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur *nomine* jargumenta li din l-eċċezzjoni tal-konvenuti mhijiex waħda tajba għaliex: (i) ma ġietx imwettqa l-proċedura misjuba fl-**artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** peress li l-konvenuti ma tawx ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li m'humiex debituri; (ii) il-konvenuti naqsu milli jġibu prova ta' minn meta beda miexi l-perijodu preskrittiv; u (iii) din l-eċċezzjoni mhix kompatibbli mal-istqarrijiet li saru mill-konvenuti matul il-kawża, *viz.* li d-drittijiet mitluba mill-attur *nomine* huma esaġerati u mhux li m'hemm l-ebda ammont dovut;

50. Dwar l-ewwel punt, il-qorti tqis li l-ħtieġa li min iressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni jagħti wkoll ġurament minn jeddu li huwa mhux debitur, iddaħħlet fl-**artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** bis-saħħa ta' emendi magħmula bl-**artikolu 4 tal-Att I tal-2017** u bl-**artikolu 8 tal-Att VIII tal-2017**. Meta l-konvenuti ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-15 ta' April, 2015, din l-emenda ma kinitx fis-seħħ u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa li l-konvenuti jieħdu ġurament minn jeddhom;

51. Għalkemm huwa minnu li l-kawża għadha ma nqatgħetx u li l-liġijiet proċedurali japplikaw minnufih għal kawżi li jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda fil-liġi proċedurali u li jkunu għadhom pendenti, madankollu dan ma jolqotx jeddijiet sostantivi li jkunu ġew miksuba, bħalma huwa l-ħelsien minn dejn li jkun diġà nkiseb meta l-liġi l-

ġdida tidħol fis-seħħ. Fil-każ tagħna, jekk tassew l-azzjoni tal-attur *nomine* kienet waqgħet bi preskrizzjoni meta l-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni tagħhom, din l-eċċezzjoni, bħala waħda validament imressqa qabel ma daħal fis-seħħ l-**artikolu 2160** kif emendat fl-2017, ma tintlaqatx b'dak li jgħid dan l-artikolu illum (ara ***Sergio Manché v. Carmel sive Charles Grech***, Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2018; ***Semago Trading Company Limited v. The Stork Enterprises Company Limited et***, Appell Superjuri, 26 ta' Novembru, 2020; ***Amanda Briffa pro et noe v. Stephen Fenech***, Appell Superjuri, 12 ta' Mejju, 2022 u ***Anthony Pandolfino v. Automated Revenue Management Services Limited***, Appell Superjuri, 26 ta' Ottubru, 2022);

52. Jiġi b'hekk, li għal dan il-każ ma jistax japplika l-**artikolu 2160**, kif emendat fl-2017 għaliex dan daħal fis-seħħ wara li nfetħet din il-kawża. Ifisser ukoll għalhekk, li l-konvenuti ma kellhomx bżonn jagħtu l-ġurament minn jeddhom, b'dana li l-argument imressaq mill-attur *nomine* kontra t-tħaddim tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenuti qiegħed jiġi miċħud;

53. Imiss issa li l-qorti tqis minn meta beda miexi l-perijodu ta' sentejn biex l-attur *nomine* jitlef iċ-ċans tiegħu li jibda azzjoni biex huwa jitħallas għas-servizzi professjonali li pprovda lill-konvenuti. Sewwasew, bħal kull żmien ieħor ta' preskrizzjoni, iż-żmien għal azzjoni jibda għaddej biss minn dakinhar li l-azzjoni tkun tista' titressaq (ara l-**artikolu 2137 tal-Kap 16**);

54. Mill-provi jirriżulta li minkejja li d-ditta attriċi baqgħet ma tħallsitx wara li ħarġet it-tliet fatturi fil-15 ta' Ġunju, 2012, fl-10 ta' Lulju, 2012 u fil-15 ta' Settembru, 2012, hija xorta waħda baqgħet twettaq is-servizzi tagħha lill-konvenuti. Madankollu, fl-24 ta' Awwissu, 2012 hija għarrfet lill-konvenuti li sakemm tirċievi l-ħlas għall-kontijiet li ħarġet hija kienet ser tillimita l-kontribuzzjoni tagħha għall-proġett tal-konvenuti sabiex ma tkomplix tgħarraq il-pożizzjoni tagħha;

55. Meta ġew mgħarrfa b'dan, il-konvenuti ma qabdux u temmew il-ftehim li kellhom mal-perit. Mod ieħor, f'ittra elettronika tat-28 ta' Awwissu, 2012, Tom Jansen kitiblu hekk:

> *«Please be assured that your commitment to the project is not subject to debate. I know you have done a lot of work and we're not trying to suggest otherwise ... Again your commitment is not being questioned at all.»*

56. Kien wara li għaddiet ftit aktar minn sena, jiġifieri fis-17 ta' Novembru, 2013, li l-konvenuti bagħtu avviż lill-perit Xuereb fejn għarrfuh li huma kienu qegħdin itemmu l-ftehim li kellhom miegħu u stednuh biex jilħqu ftehim dwar l-ammont ta' xogħol li kien sar minnu sabiex huwa jkun jista' jitħallas. Ifisser b'hekk, li l-kuntratt dwar l-għotja ta' servizzi professjonali tat-28 ta' Frar, 2012 ġie fi tmiemu fis-17 ta' Novembru, 2013. Jekk wieħed iqis li l-azzjoni tal-attur *nomine* hija mibnija kollha kemm hi fuq iċ-ċirkostanza li huwa ġie abbandunat mill-klijenti tiegħu, iż-żmien tas-sentejn f'każ bħal dan jibda jgħaddi biss minn meta jkun seħħ l-abbandun imsemmi (ara f'dan is-sens ***Il-Perit Arkitett Renato Laferla v. Id-Direttur tat-Turiżmu et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 27 ta' Ottubru, 2011);

57. Din il-kawża nfetħet mill-attur *nomine* fit-30 ta' Jannar, 2015, jiġifieri ftit aktar minn sena wara d-data tas-17 ta' Novembru, 2013, li fiha huwa ġie abbandunat mill-konvenuti. Isegwi għalhekk, li meta nfetħet din il-kawża, il-perijodu ta' sentejn mid-data tal-abbandun hawn fuq imsemmi kien għadu ma għaddiex. B'hekk l-eċċezzjoni tal-konvenuti li din il-kawża hija preskritta bl-għeluq tal-perijodu ta' sentejn skont l-**artikolu 2149(ċ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** mhijiex waħda mistħoqqa;

58. F'kull każ, minn qari tal-provi, il-qorti jirriżultalha li kien hemm drabi, kemm qabel infetħet il-kawża u kif ukoll matul is-smigħ tal-kawża, fejn il-konvenuti għarrfu u aċċettaw li huma obbligati jwettqu ħlas lid-ditta attriċi għas-servizzi professjonali li wettqitilhom. Dan joħroġ ċar kemm: (i) mill-ittra elettronika mibgħuta minn Norbert van der Nap, dakinhar li ġie mitmum il-ftehim inkwistjoni fis-17 ta' Novembru, 2013, fejn dan stieden lill-perit biex jilħqu ftehim dwar il-ħlas għas-servizzi tiegħu; u kif ukoll (ii) mill-ittra elettronika tal-istess Norbert van der Nap fil-21 ta' Novembru, 2013, fejn dan tal-aħħar offra l-ħlas ta' €40,000 mingħajr ma ssir diskussjoni dwar l-ammont ta' xogħol li kien ġie mwettaq mid-ditta attriċi;

59. Terġa' u tgħid, waqt ix-xiehda tiegħu tat-22 ta' Novembru, 2018, Tom Jansen għamilha ċara li l-konvenuti ma kellhom l-ebda oġġezzjoni li l-attur *nomine* jitħallas għall-ħin u għax-xogħol li kienet wettqilhom id-ditta attriċi iżda huwa kien tal-fehma li l-ammonti mitluba fil-fatturi maħruġa minnha ma kinux ġustifikati u ma kinux jirriflettu x-xogħol li kien fil-fatt ġie mwettaq;

60. F'dan ir-rigward, huwa miżmum fil-ġurisprudenza lokali li meta persuna taqbel li għandha tħallas xi kumpens għal servizzi li jkunu ġew mogħtija, iżda ma jkunx hemm qbil dwar il-*quantum*, din tkun qiegħda tagħraf li hija debitriċi u b'hekk tkun qiegħda tirrinunzja għall-preskrizzjoni (ara ***Vincent Azzopardi v. Anthony Cassar et nomine***, Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 1998; ***Mary Rose Tabone qabel Stellini v. Silvio Vassallo pro et noe***, Appell Inferjuri, 24 ta' Marzu, 2004; ***Maltacom plc v. Michael Falzon et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 20 ta' Ġunju, 2006 u ***Raymond Cutajar v. Grand Hotel Excelsior**,* Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2020);

61. Għalkemm il-konvenuti qatt ma qablu mal-attur *nomine* dwar l-ammont li huwa għandu jitħallas, huma qatt ma ċaħdu li jistgħu jkunu debituri għas-servizzi professjonali li wettqilhom, u allura ladarba huma ħadu din il-pożizzjoni, huma ma jistgħux jeċċepixxu aktar il-preskrizzjoni, li hija marbuta mal-fehma tal-konvenut li l-kreditu ma jeżistix. Hi ġurisprudenza li meta debitur jiċħad li huwa għandu jagħti xi ħaġa lill-kreditur, iżda, fl-istess ħin jgħid li jekk issir il-prova meħtieġa, huwa jħallas, dan jiġi li jkun interrompa l-preskrizzjoni jew irrinunzja għaliha (ara ***Joseph Borġ v. Nobbli Maria Testaferrata Boniċi***, Appell Superjuri, 24 ta' Marzu, 1958; ***Peter Paul Casha et v. Peter Micallef***, Appell Superjuri, 5 ta' Novembru, 1956; ***Giuseppe Duca v. Giuseppe Galea***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 21 ta' April, 1961; u ***Kunsill Lokali Birżebbuġia v. Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogħlijiet***, Appell Superjuri, 9 ta' Marzu, 2007);

62. Tassew, il-liġi trid li l-għarfien tad-dejn min-naħa tad-debitur iġib miegħu l-ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni (ara l-**artikolu 2133 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Il-ħlas min-naħa tad-debitur jew ta' xi ħadd f'ismu mqar akkont tad-dejn ukoll iġib l-istess effett (ara l-**artikolu 2134 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Iżda, waqt li l-għarfien jew xi ħlas

magħmul waqt li l-preskrizzjoni tkun għadha miexja, jikser iż-żmien preskrittiv (ara ***A.I.Ċ. Maurice Captur v. Salvatore Spiteri***, Appell Kummerċjali, 25 ta' April, 1975), dak l-għarfien jew ħlas li jsir wara li jkun għalaq l-istess żmien ifisser rinunzja. Ma jistax ikun hemm ksur ta' żmien preskrittiv wara li jkun għalaq, imma biss rinunzja min-naħa tad-debitur (ara ***Paolo Borġ v. Negoziante Francis Grech et***, Appell Kummerċjali, 22 ta' Diċembru, 1948 u ***George Falzon v. Assoċjazzjoni tat-Traspost Pubbliku***, Appell Superjuri, 30 ta' Marzu, 2022);

63. F'dan il-każ, kif ġie mfisser aktar 'il fuq, l-għarfien minn Tom Jansen, li huwa rappreżentant tal-kumpanniji konvenuti, li hemm debitu dovut lill-attur *nomine*, sar waqt is-smigħ tal-kawża u ferm wara li l-konvenuti qanqlu l-kwistjoni tal-preskrizzjoni. B'hekk bl-istqarrija qawwija ta' Tom Jansen, il-konvenuti ġew li rrinunzjaw għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni (ara f'dan is-sens ***Philip A. Tabone noe v. Concrete Mix Limited***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' Lulju, 2004). Għalhekk, tħares minn fejn tħares, din l-eċċezzjoni tal-konvenuti mhijiex tajba u għalhekk il-qorti qiegħda tiċħadha;

64. Magħluqa din il-kwistjoni, il-qorti tista' tgħaddi biex tqis il-mertu tat-tilwima li hemm bejn il-partijiet, jiġifieri jekk hemmx xi ħlas dovut mill-konvenuti lill-attur *nomine* għas-servizzi professjonali li wettqilha, u f'każ li hemm, tiddeċiedi dwar kemm għandu jkun dan il-ħlas;

65. Minn qari tal-atti jirriżulta li l-mertu ta' dan il-kawża huwa wieħed ta' natura teknika u għalhekk fiż-żgur ma setax jiġi deċiż minn din il-qorti mingħajr l-għajnuna ta' persuna teknika, bħal ma huwa perit. Kien għalhekk li f'dan il-każ hija ħatret lill-perit Alan Saliba, u aktar tard minfloku lill-perit Marielouise Caruana Galea, bħala espert tekniku. Bil-ħatra ta' dawn l-esperti, il-qorti żgurat li tinġieb il-prova meħtieġa biex tasal għad-deċiżjoni tagħha;

66. Issa fil-każ tagħna, l-attur *nomine* ma jaqbilx għalkollox mal-konklużjonijiet li waslet għalihom l-esperta ġudizzjarja u fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa jisħaq li huwa għandu jirċievi ħlas li huwa akbar mill-ammont totali tat-tliet fatturi maħruġa minnu. Min-naħa l-oħra, il-konvenuti ma jaqblu kważi f'xejn mar-rapport magħmul

mill-esperta ġudizzjarja. Kemm hu hekk, fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħhom, il-konvenuti għamlu referenza għall-**artikolu 681 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid li l-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha;

67. Dan huwa minnu, iżda l-perizja teknika fiha nnifisha għandha piż probatorju li ma jistax jiġi skartat faċilment. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-qorti trid tkun waħda infurmata sew u trid tkun ukoll imsejsa fuq raġunijiet li jpoġġu f'dubju serju l-opinjoni teknika li tkun ġiet mressqa quddiemha mill-esperti mqabbda minnha;

68. F'dan il-każ, la l-attur *nomine* u lanqas il-konvenuti ma ressqu talba biex jinħatru esperti addizzjonali;

69. Huwa magħruf fil-ġurisprudenza li min ma jaqbilx ma' rapport ta' espert imqabbad mill-qorti għandu r-rimedju li jitlob il-ħatra ta' esperti ġudizzjarji addizzjonali. Min ma jagħmilx użu minn dan il-mezz legali sabiex iwaqqa' r-rapport tal-esperti tal-qorti ma jistax jiġi wara u jippretendi li l-qorti għandha twarrab dak ir-rapport għar-raġuni biss li parti ma tkunx qiegħda taqbel miegħu. Dan jgħodd aktar u aktar fejn dak ir-rapport ikun wieħed ta' natura teknika (ara ***Felix Mifsud et v. Tonio Cuschieri et***, Appell Superjuri, 16 ta' Diċembru, 2019; ***Carmel sive Charles Gatt et v. Joseph Stagno***, Appell Superjuri, 28 ta' Jannar, 2021; ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut***, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2021; u ***David Brincat v. Francis Sammut et***, Appell Superjuri, 17 ta' Frar, 2022);

70. Il-qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni valida għaliex hija għandha twarrab il-perizja teknika. Ma jidhirx li l-partijiet b'xi mod irnexxielhom jattakkaw b'konsistenza l-konklużjonijiet li waslet għalihom l-esperta ġudizzjarja. Anzi, il-qorti jidhrilha li fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet li l-partijiet għamlu lill-perit fl-eskussjoni, din tal-aħħar kompliet isaħħaħ il-fehmiet tagħha. Terġa' u tgħid, il-qorti jirriżultalha wkoll illi fil-każ tal-attur *nomine*, kien huwa stess li qabel mar-rapport tal-esperta ġudizzjarja safejn dan kien jaqbel lilu;

71. Huwa rifless fil-ġurisprudenza li meta kawża tkun tmiss ma' aspett purament tekniku u l-qorti tkun tal-fehma li l-konsiderazzjonijiet tal-espert tekniku mqabbad minnha jkunu raġonevoli u msejsa fuq dak li jkun irriżulta mill-provi kollha, inklużi l-affidavits u x-xhieda *viva voce*, hija kważi dejjem għandha toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-perit (ara ***Emanuel Attard v. George Tedesco et***, Appell Superjuri, 1 ta' Ġunju, 2007). Wara kollox, il-konklużjonijiet tal-espert li ġiet maħtura mill-qorti f'din il-kawża jidhru li huma msejsa fuq eżami mirqum tal-provi tekniċi li l-istess espert ntalbet tistħarreġ, wara li hija ħadet qies ta' dak li kellhom xi jgħidu ż-żewġ partijiet u siltet minnhom dik il-verżjoni li wieħed jista' raġonevolment l-aktar jistrieħ fuqha. Għalhekk il-qorti sejra tagħmel tagħha l-fehmiet tal-esperta ġudizzjarja mqabbda minnha;

72. L-esperta ġudizzjarja kkunsidrat li hekk kif jiġri f'sitwazzjonijiet bħal dawn, fejn persuna tkun qiegħda tfittex li tqabbad is-servizzi professjonali ta' perit, il-partijiet f'din il-kawża daħlu fi ftehim bejniethom li jagħti deskrizzjoni tas-servizzi li kellhom jiġu mwettqa mill-attur *nomine* u tal-miżati li kellhom jitħallsu għal dawn is-servizzi. Skont l-esperta ġudizzjarja, l-ebda klawsola jew miżata li hemm imniżżla fil-ftehim ma titbiegħed minn dak li hemm imniżżel fit-**Tariffa K** misjuba fl-i**Skeda A għall-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li tirregola d-drittijiet li għandhom jitħallsu lill-periti. Dan il-ftehim, li ġie ffirmat minn Tom Jansen fit-28 ta' Frar, 2012, qatt ma ġie kkontestat jew rivedut;

73. Mal-kummissjoni ta' dawn is-servizzi, il-konvenuti għaddew lid-ditta attriċi d-disinjii u l-informazzjoni li kellhom dwar il-proġett. Fil-fehma tal-esperta ġudizzjarja, l-informazzjoni li ġiet mgħoddija mill-konvenuti kienet waħda estensiva u għamlet il-ħajja tad-ditta attriċi ferm aktar faċli għaliex il-biċċa l-kbira tax-xogħol ta' tħejjija kien diġà lest. Madankollu, skont l-istess esperta ġudizzjarja dawn id-disinji ma kinux disinji finali li setgħu jiġu ppreżentati f'applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar, għall-applikazzjoni tal-ambjent u li setgħu jintużaw f'sejħa, u għalhekk kellhom isiru numru ta' emendi b'konsultazzjoni ma' numru ta' awtoritajiet Maltin;

74. Skont l-esperta ġudizzjarja kellhom isiru wkoll verifiki dwar l-istruttura tal-proġett, peress li d-ditta attriċi kienet serja tiċċertifika l-istruttura hija stess u għalhekk kienet

sejra tkun responsabbli għaliha taħt il-liġi Maltija. Għalhekk, l-inizjattiva tad-ditta attriċi li tagħmel dawn il-verifiki ma kinitx tikkonsisti f'ripetizzjoni ta' xogħol magħmul minn ħaddieħor iżda kienet meħtieġa minn perit li huwa serju f'xogħlu;

75. Fis-17 ta' Novembru, 2013, il-konvenuti temmew il-ftehim li kellhom mad-ditta attriċi. Fil-fehma tal-esperta ġudizzjarja, ma jinsabx ġustifikat l-argument tal-konvenuti li l-fatturi maħruġa mid-ditta attriċi ma tħallsux għaliex dawn ma kinux dettaljati biżżejjed. Filwaqt li bħala klijenti, il-konvenuti kellhom dritt jitolbu li f'kull fattura kellha titniżżel informazzjoni dettaljata dwar is-servizzi li ngħataw, dawn id-dettalji eventwalment ingħataw mid-ditta attriċi f'ittra elettronika mibgħuta lil Tom Jansen fl-10 ta' Diċembru, 2012 (ara paġna 787 tal-atti tal-kawża). Madankollu, il-konvenuti baqgħu ma ħallsux;

76. L-argument tal-konvenuti li d-ditta attriċi kellha titħallas skont is-sigħat ta' xogħol li ġew imwettqa lilhom mhuwiex wieħed siewi għaliex il-ftehim li ġie ffirmat minn Tom Jansen fit-28 ta' Frar, 2012 ma jsemmi xejn dwar ħlasijiet ibbażati fuq sigħat ta' ħidma iżda jelenka l-persentaġġi tal-miżati li għandhom jitħallsu lid-ditta attriċi għal kull tip ta' servizz li hija kellha tagħti lill-konvenuti. Il-qorti taqbel mal-esperta mqabbda minnha fejn fir-rapport tagħha hija tgħid li Tom Jansen m'għamilx sewwa meta, għalkemm ma kienx jaqbel għalkollox ma' dawn il-miżati, qabad u ffirma l-ftehim inkwistjoni b'rasu mistrieħa li dan ma kien isemmi xejn dwar l-istima tal-bini tal-proġett. Huwa jmissu rrifjuta li jiffirma l-ftehim jekk ma kienx jaqbel miegħu jew kien imissu pprova jinnegozja l-miżati mad-ditta attriċi biex din tikkunsidra tnaqqashom;

77. Għalkemm il-konvenuti jargumentaw mod ieħor, mhumiex minnu li dawn ma kellhomx stima tal-proġett għaliex skont Tom Jansen, dan kellu jiswihom bejn 10 u 12-il miljun ewro. Fil-fatt, eventwalment, il-proġett ġie jiswihom 15.3 miljun ewro. Fuq kollox, f'sitwazzjoni bħal din huwa l-klijent li jrid minn qabel jiffissa l-istima tal-proġett skont il-but tiegħu (ara f'dan is-sens ***Architecture Project v. Awtorità tad-Djar et***, Appell Superjuri, 4 ta' Mejju, 2022);

78. Issa skont il-**paragrafu 11(1)(b) tat-Tariffa K**, jekk perit ikun ġie abbandunat mill-klijent tiegħu, id-dritt tiegħu għandu jammonta għal żewġ terzi tad-dritt speċifikat fil-**paragrafu**

**10 tal-istess Tariffa** (f'dan il-każ 2/3 ta' 6% imsemmija fil-ftehim iffirmat minn Tom Jansen fit-28 ta' Frar, 2012) jekk il-perit ikun ħa l-istruzzjonijiet tal-klijent, ipprepara l-iskizz tad-disinji, għamel stima approssimattiva tal-ispiża, issottometta applikazzjonijiet għal liċenzi għall-bini u/jew liċenzi oħra, u ħejja disinji u speċifikazzjonijiet tax-xogħol;

79. Skont l-esperta ġudizzjarja, dment li d-ditta attriċi kienet involuta fil-proġett tal-konvenuti, hija rnexxielha twettqilhom numru ta' servizzi li ġew miġbura fit-Tabella numru 1 tar-rapport tagħha (ara paġni 1314 u 1315 tal-atti tal-kawża). Din it-tabella għenitha biex tasal għall-konklużjoni dwar jekk id-ditta attriċi wettqitx biżżejjed servizzi sabiex hija tkun tista' titħallas żewġ terzi tad-drittijiet professjonali msemmija;

80. L-esperta ġudizzjarja sabet li għalkemm id-disinji u l-applikazzjonijiet tal-ippjanar kienu ġew sottomessi u sar ix-xogħol kollu li għandu x'jaqsam magħhom, id-disinji tax-xogħlijiet baqgħu ma sarux. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ispeċifikazzjonijiet, 25% minnhom biss kienu twettqu mid-ditta attriċi;

81. Hija qieset li it-**Tariffa K** issemmi biss 2/3 tal-miżati misjuba fil-**paragrafu 10** tagħha, li jitkellem dwar disinji u fabbrikazzjoni ta' bini. Is-6% tal-ispiża msemmija f'dan il-**paragrafu** ma tagħmilx referenza għal servizzi ta' inġinerija strutturali speċjalizzata jew dwar tmexxija ta' proġett. B'hekk, dawn is-servizzi kellhom jitħallsu apparti bir-rati ta' 4% u 3.5% rispettivament, skont il-ftehim li kien intlaħaq bejn il-partijiet;

82. Skont l-esperta ġudizzjarja, is-servizzi ta' inġinerija strutturali speċjalizzata li twettqu mid-ditta attriċi kienu limitati biss għal kalkoli u mhux disinji. B'hekk fil-fehma tagħha il-ħlas sħiħ ta' 4% għal dawn is-servizzi mhux wieħed għalkollox ġustifikat u seta' jintalab biss parti minnu. Hekk ukoll, is-servizz tat-tmexxija tal-proġett kien limitat biss għal żewġ laqgħat li saru fl-14 ta' Ġunju, 2012 u fl-20 ta' Lulju, 2012. Skont l-esperta ġudizzjarja, il-ħidma id f'id mal-awtoritajiet Maltin ma taqax fit-tifsira ta' tmexxija ta' proġett iżda hija pass importanti biex il-perit jifhem il-proġett u jikkoordina ma' terzi sabiex id-disinn tal-proġett jirnexxi minn kull aspett. Għalhekk, hija waslet għall-konklużjoni li l-miżata ta' 3.5% għat-tmexxija tal-proġett mhijiex ġustifikata;

83. B’hekk, meqjus dan kollu, skont l-esperta ġudizzjarja x-xogħol li twettaq mid-ditta attriċi mhuwiex biżżejjed biex hija titħallas 2/3 tad-drittijiet li setgħu kienu dovuti lilha, li kieku hija ma ġietx abbandunata mill-klijenti tagħha, hekk kif hemm maħsub fil-**paragrafu 11(1)(b) tat-Tariffa K**. Madankollu, fil-fehma tal-esperta ġudizzjarja, is-servizzi li wettqet id-ditta attriċi lill-konvenuti jissodisfaw il-**paragrafu 11(1)(a) tat-Tariffa K** li jgħid li jekk proġett imsemmi fil-**paragrafu 10 ta’ din it-Tariffa** jew parti minnu jkun ġie abbandunat jew jekk il-perit jabbanduna l-klijent jew ikun abbandunat mill-klijent, wara li l-perit ikun ħa l-istruzzjonijiet tal-klijent, ħejja l-iskizz tad-disinji preliminari biżżejjed biex juru l-interpretazzjoni tal-perit dwar l-istruzzjonijiet tal-klijent u wara li jkun għamel stima approssimattiva tal-prezz tal-proġett, id-dritt għandu jammonta għal terz (1/3) tad-drittijiet speċifikati fil-**paragrafu 10**;

84. Skont l-esperta ġudizzjarja, teoretikament, il-miżati li huma dovuti lid-ditta attriċi jaqgħu x’imkien bejn ir-regola taż-żewġ terzi misjuba fil-**paragrafu 11(1)(b) tat-Tariffa K** u bejn ir-regola tat-terz misjuba fil-**paragrafu 11(1)(a) tal-istess Tariffa**;

85. L-esperta ġudizzjarja rrimarkat ukoll li t-**Tariffa K** ma ssemmi xejn dwar l-ispiża totali tal-proġett iżda titkellem dwar l-ispiża tax-xogħol tal-bini. F’dan il-każ nafu biss l-ispiża totali tal-proġett, li hija dik ta’ 15.3 miljun ewro, għaliex l-ispiża tax-xogħol tal-bini qatt ma ssemmiet matul il-proċeduri. Issa, jekk wieħed kellu japplika r-rata ta’ 6% li hemm imsemmija fil-ftehim għall-ispiża totali tal-proġett, l-ammont li jirriżulta huwa dak ta’ €918,000. Jekk wieħed japplika r-rata ta’ terz għal din is-somma jirriżulta l-ammont ta’ €306,000, filwaqt li jekk wieħed japplika r-rata ta’ żewġ terzi jirriżulta l-ammont ta’ €612,000;

86. B’hekk l-esperta ġudizzjarja waslet għall-konklużjoni li l-ammont ta’ €265,620 li ntalab fil-fatturi mill-ditta attriċi huwa wieħed xieraq u raġonevoli meta wieħed iqis li l-kalkoli hawn fuq magħmula ġew maħduma fuq l-ispiża totali tal-proġett u mhux fuq l-ispiża tax-xogħol tal-bini. Għalhekk, hija llikwidat dan l-ammont bħala s-somma li hija dovuta mill-konvenuti lid-ditta attriċi;

87. Kif ingħad aktar ‘il fuq f’din is-sentenza, din il-qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex hija m’għandhiex toqgħod fuq l-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-esperta ġudizzjarja u għalhekk hija serja tilqa’ t-talbiet kollha tal-attur *nomine* u tordna lill-konvenuti jħallsuh is-somma ta’ **€265,620** għas-servizzi professjonali li huwa wettqilha;

88. Fl-aħħar nett, dwar it-talba tal-attur *nomine* biex jitħallas l-imgħax skont il-liġi, il-qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk ir-relazzjoni li kienet teżisti bejn il-partijiet kinitx waħda ta’ għamla kummerċjali;

89. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li mhux kull min ikun involut f’attività ekonomika jista’ jitqies bħala kummerċjant għall-għanijiet tal-**artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta’ Malta)**. Biex wieħed ikun kummerċjant il-liġi trid li huwa jagħmel, bi professjoni, u b'ismu, atti ta' kummerċ (ara ***Carmelo Cutajar v. Salvatore Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta’ Mejju, 1947). Kif jikteb il-**Professur J. A. Micallef**, f’paġna 32 tan-Noti tiegħu dwar il-Liġi Kummerċjali,

> *«In order, therefore that a person may be regarded as a trader, he must devote his services to trade in such a way that it becomes his normal and permanent, though not necessarily his only or his principal occupation.»*

90. Hekk pereżempju servizzi mogħtija minn professjonisti liberali, bħal ngħidu aħna servizzi ta’ periti, skarpani u mastrudaxxi, ġeneralment ma jistgħux jitqiesu bħala atti tal-kummerċ. Ir-raġuni hi li kuntratti ta’ *locatio operis* (ara ***Giuseppe Muscat et v. Joyce Frendo*** deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta’ Ġunju, 1955) ma jitqisux bħala atti tal-kummerċ iżda jitqiesu bħala atti ċivili. Kemm hu hekk, il-kuntratt ta' kiri ta' xogħol jinsab regolat fil-**Kodiċi Ċivili** u mhux fil-**Kodiċi tal-Kummerċ**. Kuntratti mwettqa minn professjonisti liberali jibqgħu dejjem ta’ karattru ċivili sakemm il-flus li huma jieħdu ma jiġux investiti f’negozju li jkollu l-karatteristiċi ta’ impriża (ara ***Giuseppe Mizzi v. George Xuereb*** deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta’ Diċembru, 1964);

91. Fil-każ tagħna s-servizzi mogħtija mill-attur *nomine* huma dawk ta' perit u għalhekk dawn jieħdu sura ċivili u mhux waħda kummerċjali. Tidħol għalhekk ir-regola msemmija fl-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid li l-imgħaxijiet għandhom jingħaddu minn dakinhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju u dan minkejja li fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni;

92. Fil-każ tagħna ma jirriżultax li saret ittra uffiċjali qabel saret din il-kawża, għalhekk huwa r-rikors maħluf li għandu jitqies bħala l-att ġudizzjarju għall-għanijiet tal-**artikolu 1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Madankollu nsibu miżmum fil-ġurisprudenza, li bħala regola, l-imgħaxijiet mhumiex dovuti mill-ġurnata tat-talba meta d-dejn jkun inċert u illikwidu, iżda mill-jum tal-likwidazzjoni u tal-approvazzjoni tiegħu mill-qorti (ara ***Innocent Farruġia et v. Godwin Duca et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020);

93. Darba li l-attur *nomine* ma talabx li jitħallas ammont speċifiku fir-rikors maħluf tiegħu, fuq is-saħħa tal-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*, din il-qorti sejra tkun qiegħda tordna lill-konvenuti jħallsuh l-imgħax bir-rata ta' 8% fuq l-ammont ta' €265,620, liema mgħax għandu jibda miexi mid-data ta' din is-sentenza;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tiċħad** l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom sabiex jiġi dikjarat li Tom Jansen u Aviation Cosmetics B.V. mhumiex kontradittури leġittimi għat-talbiet imressqa mill-attur *nomine*;

ii. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti għaliex l-azzjoni tal-attur *nomine* mhijiex preskritta skont l-**artikolu 2149(ċ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

iii. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti fid-dawl tas-sejbiet li għamlet l-esperta ġudizzjarja maħtura minn din il-qorti, u għall-istess raġuni **<u>tilqa'</u>** l-ewwel talba tal-attur *nomine* u tiddikjara li l-konvenuti għandhom iħallsuh għas-servizzi professjonali li wettqilhom;

iv. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni u t-tielet talbiet tal-attur *nomine* billi tillikwida l-ammont dovut lilu fis-somma ta' €265,620 u b'hekk tordna lill-konvenuti jħallsuh din is-somma, bl-imgħax bir-rata ta' 8% mid-data ta' din is-sentenza sakemm isir il-ħlas effettiv;

Fl-aħħar nett, peress li l-konvenuti huma l-parti telliefa f'din il-kawża, il-qorti qiegħda **<u>tordna</u>** li dawn għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-kawża.

______________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

______________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**